**L-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Claudette Buttigieg jipproponu:**

Peress illi permezz tal-Avviż Legali 177 tal-2024, l-Ordni tal-2024 dwar il-Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għamlu ordni sabiex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi li huma imsejjħa bħala "Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika";

U peress li l-imsemmi ordni sar bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

U peress li f'Malta nqatlet il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia minħabba xogħolha;

U peress li inkjesta pubblika maħtura mill-Gvern għamlet rakkomandazzjonijiet għal titjib fil-ħarsien tal-ġurnalisti;

U peress li jeżisti qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra li l-ġurnaliżmu ħieles jikkostitwixxi r-raba' pilastru tad-demokrazija;

U peress li ma saret l-ebda konsultazzjoni pubblika dwar kif l-imsemmija direttiva tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi trasposta fil-liġijiet ta' pajjiżna u dan minkejja li l-Gvern wiegħed *white paper* biex jikkonsulta dwar riformi għat-tisħiħ tal-ġurnaliżmu;

U peress li l-imsemmi ordni jagħti lill-ġurnalisti Maltin l-anqas livell ta' protezzjoni li joħroġ mill-imsemmija direttiva;

U peress li l-imsemmija direttiva hija opportunità kbira sabiex pajjiżna mhux biss ikollu liġijiet li jkunu skont id-direttivi tal-Unjoni Ewropea, iżda li jkunu joffru tassew l-ogħla livell possibbli ta' ħarsien għall-ġurnalisti mill-abbużi ta' dawk li jridu jaħbu l-verità;

Għaldaqstant din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. L-Ordni tal-2024 dwar il-Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika – l-Avviż Legali 177 tal-2024 – għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 1, il-kliem "b'implikazzjonijiet trasfruntieri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kemm b'implikazzjonijiet transfruntieri kif ukoll b'implikazzjonijiet domestiċi";

   (b) Is-subartikolu (1) tal-artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   > "**3.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-ordni, il-Qorti adita għandha, wara li tqis kif xieraq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ rilevanti, tqis li kwistjoni għandhiex implikazzjonijiet transfruntiera jew għandhiex implikazzjonijiet domestiċi u l-elementi l-oħra kollha rilevanti għas-sitwazzjoni kkonċernata jkunu jinsabu biss f'Malta.";

   (ċ) Is-subartikolu (2) tal-artikolu 7 għandu jiġi sostwit b'dan li ġej:

   > "(2) Apparti mill-ispejjeż previsti fis-subartikolu (1), il-Qorti tista' ukoll timponi fid-diskrezzjoni tagħha u skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ penali dissważiva fuq l-attur f'ammont li ma għandux

jkun anqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000) li għandu jitħallas lill-konvenut bħala dejn ċivili.";

(d) Is-subartikolu (4) tal-artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Id-data msemmija fis-subartikolu (3) għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi annwali sa mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) ta' Marzu fir-rigward tas-sena preċedenti u għandha tiġi ippubblikata online fuq is-sit web tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem minn meta tkun ġiet sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea."; u

(e) Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 12 għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2021 dwar il-Pubblikazzjoni Online ta' Sentenzi tal-Qorti (Protezzjoni tad-Data) Għoti ta' Funzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal sentenzi finali mogħtija mill-Qrati Maltin dwar kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.";

2. Teżiġi li l-Prim Ministru u l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandhom iwettqu konsultazzjoni pubbika wiesgħa u effettiva dwar it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi li huma imsejjħa bħala "Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika" flimkien ma' konsultazzjoni effettiva dwar il-materji kollha relatati u identifikati mill-inkjesta pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia bħala meħtieġa għall-protezzjoni tal-ġurnaliżmu; u

3. Teżiġi li l-Prim Ministru u l-Minsitru responsabbli għall-Ġustizzja għandhom wara li jintemm l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2025, jippreżentaw abbozz għal Att tal-Parlament li permezz tiegħu ssir it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi li huma imsejjħa bħala "Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika".

**L-Onor. Karol Aquilina** **L-Onor. Claudette Buttigieg**

1 ta' Novembru 2024